# RAPPORT AMMINISTRATTIV
## SENA TA' ĦIDMA
## 1 TA' JANNAR 2018 – 31 TA' DIĊEMBRU 2018

## *Introduzzjoni*

Dan ir-Rapport Amministrattiv jiġbor fih il-ħidma mwettqa mill-Kunsill Lokali matul il-perjodu li beda nhar l-Ewwel ta' Jannar 2018 u spiċċa fil-31 ta' Diċembru tas-sena 2018.

Il-kompożizzjoni tal-Kunsill u r-responsabiltajiet tal-membri kienu kif jidhru hawn taħt :

**Is-Sindku Mario Calleja**:

Finanzi, Relazzjonijiet Pubbliċi, Ordni Pubblika, Indafa Pubblika, Anzjani, Saħħa u Persuni b'diżabilità (assistit mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud).

Proġetti kapitali u infrastruttura (assistit mill-Kunsillier Charlot Cassar u mill-Kunsillier John B. Camilleri).

Kunsill taż-Żgħażagħ iffurmat min-naħa tal-Aġenzija Żgħażagħ (assistit mill-Kunsillier Daniel Spiteri).

Tim tad-Douzelage Town Twinning Organization.
Sindku, Kunsilliera Charlot Mifsud u Sandro Gatt flimkien ma għajnuna amministrattiva.

**Il-Viċi Sindku Desireè Attard**:

Aġġornament tas-sit elettroniku, u Facebook; Rivista tal-Kunsill, b'ħidma flimkien mal-Kunsillier John B. Camilleri

**Il-Kunsillier Charlot Mifsud**:

Edukazzjoni, Familja u Ħarsien tal-Annimali.
Koordinazzjoni sħiħa mal-librara biex wieħed jara x'hemm bżonn kotba fil-librerija tagħna;
Koordinazzjoni sħiħa mal-Kap tal-Iskola;
Klassijiet ta' filgħaxija biex wieħed jiġġieled l-illiteriżmu.
Lezzjonijiet tal-Malti għal dawk il-barranin interessati li jitgħallmu l-bażi tal-Malti.
Użu sewwa miċ-Ċentru tal-Edukazzjoni u Kultura.
Koordinazzjoni biex jibqgħu jsiru l-lezzjonijiet tal-kompjuter.
Koordinazzjoni mal-Animal Welfare biex wieħed isolvi l-problema tal-annimali jiġġerrew barra.

**Il-Kunsillier Elizabeth Cassar** :

Kultura u Attivitajiet Soċjali
Koordinazzjoni mas-Sindku u s-Sur Ryan Portelli

**Il-Kunsillier Lawrence Ciantar** : Ambjent; Ġonna Pubbliċi u *Playing Fields;* u Analiżi tas-Sejħiet għall-Offerti, qabel u wara li jinġabru minn min jitfagħhom.

**Il-Kunsillier Daniel Spiteri** : Żgħażagħ u Sports, Faċilitajiet Sportivi flimkien ma' *Healthy Living*.

**Il-Kunsillier John B. Camilleri**: Enerġija, Wirt Storiku, Faċilitajiet Sanitarji u r-Rivista tal-Kunsill, b'ħidma flimkien mal-Viċi Sindku Desireè Attard.

**Il-Kunsillier Charlot Cassar**: Immaniġjar tat-Traffiku, Trasport Pubbliku, Turiżmu u Affarijiet Marittimi li jinkludu wkoll attivitajiet fuq il-baħar u negozjanti żgħar.

**Il-Kunsillier Sandro Gatt** : Ġemellaġġ mal-Kunsill Lokali tal-Qala Għawdex; Tabelli u Sinjali, Għaqdiet u Kumitati mhux Governattivi, Friends of Marsaskala, Ħaddiema tal-IPSL u l-ETC, u aġġornament tal-avviżi man-*notice boards* kull ġimgħa.

Kif wieħed qiegħed jinnota, din is-sena, ir-Rapport Amministrattiv qiegħed isir fuq bażi ta' tnax–il xahar, mill-ewwel tas-sena sal-aħħar tas-sena kurrenti.

Dawn l-aħħar tnax-il xahar tas-sena 2018 kienu bla dubju bla waqfien, li matulhom, il-Kunsill iltaqa` tlettax il-darba sabiex jiddiskuti tlettax-il aġenda differenti.

Nhar id-19 ta' Jannar 2018 saret l-aħħar laqgħa pubblika li matulha nqara r-Rapport Amministrattiv ta' bejn Jannar u Diċembru 2017 u wara saret diskussjoni mir-residenti preżenti.

L-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħat tal-Kunsill kienet hekk:

| Isem | Nru ta' Laqgħat | Preżenti | Assenti b'Apoloġiji | Total |
|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku Mario Calleja | 13 | 13/13 | 0/13 | 13/13 |
| Il-Viċi Sindku Desireè Attard | 13 | 11/13 | 2/13 | 11/13 |
| Il-Kunsillier Charlot Mifsud | 13 | 11/13 | 2/13 | 11/13 |
| Il-Kunsillier Elizabeth Cassar | 13 | 11/13 | 2/13 | 11/13 |
| Il-Kunsillier Lawrence Ciantar | 13 | 13/13 | 0/13 | 13/13 |
| Il-Kunsillier Daniel Spiteri | 13 | 8/13 | 5/13 | 8/13 |
| Il-Kunsillier John B. Camilleri | 13 | 12/13 | 1/13 | 12/13 |
| Il-Kunsillier Charlot Cassar | 13 | 11/13 | 2/13 | 11/13 |
| Il-Kunsillier Sandro Gatt | 13 | 12/13 | 1/13 | 12/13 |

Matul dan il-perjodu kienu approvati tlettax (13) il-mozzjoni li l-maġġoranza tagħhom ġew implimentati.

Matul is-sena finanzjarja li għaddiet, il-Kunsill Lokali kellu allokazzjoni ta' fondi mill-Gvern Ċentrali li tammonta għal €896,511.00.

Segretarju Eżekuttiv, Kunsilliera sħabi u ħbieb,

L-ewwel u qabel kollox grazzi ta' din l-attendenza sabiħa tagħkom. Dan jixhed li dan il-Kunsill huwa wieħed ħaj u attiv.

Nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-CEO tal-Wasteserv li għal darb`oħra offrilna li nagħmlu użu minn din is-sala tal-konferenza fiċ-ċentru tal-viżitaturi

Għal ewwel darba l-andament tal-laqgħa tal-lum huwa li jinqraw l-minuti tas-sena kurrenti biex b`hekk jigu approvati minn dawk preżenti u eżatt wara jinqara r-rapport ta' ħidma tas sena 2018.

Is-sistema ta` l-aħħar snin jidher li ħadmet, allura mhux ser ikollna rapport daqshekk fit-tul u li jieħu ħafna ħin biex jinqara. Qabel il-Kunsilliera kienu jħejju rapport u jaqraw huma stess fil-preżenza tagħkom. Ħsibna biex inħejju rapport wieħed li jkopri x-xogħol kollu ta` matul s-sena li għaddiet.

Taħsbux li l-andament ta` din il-ħidma hija xi wahda faċli. Ħafna minnkom ikunu tista tgħid f'kuntatt miegħi kuljum u b`hekk jafu kemm intoppi u problemi jiżvolġu. X`inhu s-sigriet ta' dan kollu? Onesta u sinċerita`u li wieħed jisma il-karba ta' kull min jiġi fuq l-għatba tal-bini amministrattiv tagħna. L-għan huwa wieħed, dak li nagħtu l-aqwa servizz lir-residenti tagħna. Ilum il-*media* soċjali hija mportanti ħafna. Minkejja li kultant nsibu min joħroġ mis-suġġett u ma jkunux kostruttivi fil-kitba tagħhom jiena xorta nħoss li għandi nisma u niddiskuti. Onestament inħoss li lili tgħini ħafna biex naħseb sewwa qabel nieħu deċiżjoni u nwettaq ċertu xogħol biex nkun nista nkun ta` servizz aħjar għar-resident.

Huwa fatt illi kieku l-amministrattiv u l-Politiku ma jaħdmux id f`id żgur illi s-servizz tagħna lejn il-pubbliku ma jkunx kif mixtieq. Tajjeb li minn qalbi nirringrazzja l-iskrivani kollha, *customer care*, ħaddiema tal- RSS kif ukoll dawk tal-iskema tal-Gvern. Ċert li mingħajr l-għajnuna ta` dawn in-nies il-Kunsill tagħna ma` jiffunzjonax kif suppost. Din is-sena kelna wkoll persuna li kellhom sentenzi mill-qrati tagħna biex iwettqu xogħol fil-komunita`. Dawn għamlu xogħol impekkabbli u kienu ta` għajnuna tremenda fil-komunita` tagħna. Apparti dan għall-ewwel darba kelna ġuvnott ta 14 -il sena biss li akkost ta` kollox ma jridtx jaf b`akkademija iżda jħobb xogħol tal-idejn. Dan peress li taħt l-eta` kien jigi jiżboħ ir-railing jumejn fil-ġimgha flimkien mal-osservatur tiegħu. Dan ġie apprezzat ħafna minnu, mill-parentela tiegħu u kif ukoll mill-Kap tal-iskola ` *Social behavior learning difficulty*` Is-Sinjura Brenda Cefai.

Nixtieq ukoll nirrangrazzja l-Kunsilliera kollha tal-isforz li jagħmlu biex iwettqu r-responsabilita` tagħhom. Dan mhux dejjem ikun faċli u dan minħabba l-ġeneru tax-xogħol tagħhom. Żgur li l-Kunsill taghna huwa wieħed attiv u jagħti servizz mill-aqwa speċjalment fejn tidħol l-indafa. Eżatt fl-aħħar t`Ottubru bdejna s-sistema l-ġdida tal-ġbir tal-iskart. Din kienet xi ħaġa Nazzjonali iżda b`wiċċi minn quddiem nista ngħid grazzi mill-qalb l-iskalin tal-koperezzjoni li wrew. Għadna ma lħaqniex t-`*target*` iżda qegħdin qrib.

Wasal il-waqt issa li nispjega ftit ix-xogħol li sar matul is-sena kurrenti. Wara nistgħu immorru għad diskussjoni u min jixtieq jagħmel xi mistoqsijiet.

Din il-laqgħa llum hija pjuttost ftit iżjed importanti mis-soltu peress li hawn ħafna residenti aċċana biex jaraw il-proposti għal-binja l-ġdida ta` lukanda ġdida flok il-Jerma eżistenti. Wara ħafna laqgħat wasalna u nemmen li b`din il-proposta tal-binja ta` lukanda ġdida flimkien ma spazju pubbliku, Marsaskala ser ikollha biex tiftaħar. Din qed nerġa insemmiha għax kien hemm xi żviluppi. Ser insemmu wkoll il-binja amministrattiva u t-tsibiħ tal-Ġnien Sant Anna, l-Iskola Primarja l-ġdida u l-grawnd tal-futboll.

1. **Il-Finanzi tal-Kunsill:** Il-finanzi tagħna qegħdin tajjeb ħafna u dan wara ħafna x-xogħol twettaq din l-aħħar sena. Iżda fuq dan ikun aħjar li tispjega l-*accountant* brava tagħna s-Sinjura Doreen Mintoff iżjed 'il quddiem. Hawn ukoll min jixtieq jagħmel xi domanda rigward il-finanzi ma jiddejjaq xejn u żgur li s-Sinjura Mintoff tkun tista tirrispondi bl-aktar mod professjonali.

2. **Infrastruttura u Tarmak:** Inbidlu u tranġaw metri ta' bankini madwar ir-raħal li kienu spiċċaw jew ta' periklu għar-residenti. Dawn it-toroq huma Triq l-Iskal, Sqaq fi Triq il-Maħsel, Triq il-Maħsel, Triq Għar ix-Xama, Triq l-Imriekeb, Belishia crossing Triq Ġuze Pesci, Triq tal-Gardiel, Triq il-Bużbież, Dawret it-Torri, Triq il-Kavallieri ta'Malta, Triq La Sengle, Bajja San Tumas, Triq ta' Gidwet. Dawn swew madwar €54, 423.77

3. **Dwal tal-Milied:** Grazzi għall-*Foundation for Tourism Zone Development* akkwistajna d-dawl tal-Milied ukoll in-naħa ta' Triq is-Salini kif ukoll il-Wasteserv għat-tiżjien tax-xatt u Triq Sant' Antnin. Dan apparti dak tas-soltu li jsir min-naħa tal-Wasteserv.

4. **Sinjali tat-traffiku u Sinjali miżbugħa mal-art:** Wieħed jaf illi l-elementi tan-natura speċjalment f'Marsaskala jgħarrqu kull biċċa għamara li jkollna. Is-Sinjali s`issa huma kollha tal-ħadid allura wara ċertu żmien iridu jinbidlu. Kullħadd jaf li dawn malajr imorru. Illum qed niffrankaw ħafna flus għax ħafna minnhom qed isiru minn nies tal-RSS stess. Dawn ġew jiswew €17,773.94 għas-sena 2018.

5. **Ġonna Pubbliċi:** Saru diversi manutenzjonijiet fuq il-ġonna pubbliċi. Apparti minn hekk saru diversi spezzjonijiet fuq l-apparat tal-logħob kollu u nbiddlu t-twapet fejn kien hemm bżonn biex nassiguraw livell tajjeb ta' *safety* fil-ġonon pubbliċi tagħna. Avvanzajna ħafna biex jibda x-xogħol fuq il-bandli taż-Żonqor.

   Bi pjaċir ngħidu wkoll illi irnexxielna nlestu il-proġett ta' Triq taż-Żonqor. Dan ġnien ġdid flok dak preċidenti li kien idetterjora għal-aħħar. Dan sewa madwar 150,000 Ewro. Bi qbil unanimu il-ġnien issemma għal persuna li ħadmet qatiegħ ghal lokal li ma hu ħadd ħlief is-Sur Alfred Debono.

6. **Sejħiet għall-offerti:** Hawn ukoll nista` ngħid illi l-Kunsill tagħna huwa wieħed trasparenti ħafna. Jinħatar tim ta' aġġudikazzjoni professjonali flimkien ma' persuna minn barra u xi ħadd tekniku jekk ikun il-każ. Is-sejħiet għall-offerti li nħarġu din is-sena huma:

| | |
|---|---|
| KLM 2018/01: | Maintenance and construction of pavements, boundary walls and other ancillary works. |
| KLM 2018/02: | Professional service of an Architect to the Marsaskala Local Council. |
| KLM 2018/03: | Service of a Blacksmith to perform various works to the Marsaskala Local Council. |
| KLM 2018/04: | Collection of Bulky Refuse and WEE from the locality of Marsaskala, using low emission transport. |
| KLM 2018/05: | Road Maintenance and major patching works in access and access only roads Marsaskala Local Council. |
| KLM 2018/05 R: | Road Maintenance and major patching works in access and access only roads Marsaskala Local Council (re-issue). |
| KLM 2018/06: | Design and printing of Council Magazine. |
| KLM 2018/07: | Maintenance of traffic signs and road markings Marsaskala Local Council. |
| KLM 2018/08: | Construction of Marsaskala Local Council Administrative Office. |

7. **Douzelage:** Din is-sena il-laqgħa Ġenerali tad-Douzelage saret fil-villaġġ sabiħ ta` Oxlisosund ġewwa Sweden. Fost affarijiet oħra issemmiet ukoll il-laqgħa li kelna il-Kunsillier is-Sur Sandro u jiena gewwa Brussell. Tkellimna ma' MEP'S fil-Presenza tal-President tad-Douzelage. Diskussjoni rigward il-problema tal-imigrazzjoni. Inkun onest li ma tantx kelna esperjenza sabiħa. Il-ħabib tagħna il-Kunsillier Charlot Mifsud kien involut f`inċident fejn minħabba nuqqas ta' *safety* u dawl waqgħa u għadu jbati l-konsegwenzi sal-lum.

Wara kelna żjara ġewwa l-Ġermanja biex ninawguraw monument żgħir ta` Marsaskala ġewwa Bad Kotzing il-Ġermanja fejn hawn messet lili għax żlaqt u ġarrabt ksur f saqajja x-xellugija u wkoll għadni nsofri konsegwenza sallum. Affarijiet li jiġru. Komplejna bil-proġett ta` *Even the little ones count*`. Delegazzjonijiet ġewwa Velettri Italja, Ghojna Polonja, Bad Kotzing Ġermanja kif ukoll l-għeluq ġewwa Kotseg l-Ungerija. Kelna wkoll stedina ġewwa Judenburg l-Awstria. Hawn ġie diskuss l-futur tad-Douzelage speċjalment bil-ħruġ tal-Brittanici mill-EU. Ġie diskuss ukoll il-Presidenza tal-Awstria fl-UE fit-tieni sitt xhur tas sena 2019.

L-eks President tad-Douzelage Cezary għamel żjara fostna f` Ottubru fejn flimkien fassalna program għas-sena d-dieħla. Ser jinġibu mill-Polonja 11 il-student fosthom żewġ *leaders*. Dawn jinqasmu f`żewg katigorji differenti.

a) 6 studenti li ser jinqasmu f`żewġ stabbilimenti tal-ikel u xorb. Tlieta għand Matthew`s Kitchen u tlieta fil-lukanda Sensi. Dawn ikollhom magħhom *leader* u ser idumu fostna xahar sħiħ.
b) Fosthom ġew 4 studenti li ser jaħdmu fix-xogħol tal-kostruzzjoni. Irnexxilna naslu ma` kumpanija tal-kostruzzjoni magħrufa bhala il-Bilom. Hawn ukoll dawn l-istudenti ser idumu hawn xahar sħiħ u ser ikollom ukoll *leader*.
c) Ġie wkoll b`10 edukaturi fuq study visit. Dawn ġew fil-bidu ta' Novembru. Żaru diversi postijiet ta` nteress.

Bħas soltu l-Kunsill hawn ma joħroġx flus iżda dawn l-istudenti żgur li jridu fejn jieklu u jorqdu allura tajjeb għal-ekonomija tal-lokal tagħna.

Attendejna wkoll laqghat tas-Sindki f`Ottubru fejn giet diskussa il-White paper.

8. Kif kien imwiegħed wkoll beda anke l-grawnd tal-futboll il-ġdid fil-*family park* Sant Antnin. Dan ukoll proġett tal-Gvern Ċentrali. Dan ukoll avvanzat fix-xogħol.

9. **<u>Wirt Storiku:</u>** Din is-sena kelna ċaqlieqa rigward l wirt storiku fejn fil-preżent qed tigi restawrata l-kappella l-antika ta` San Anna fi Triq San Gwakkin. Tajjeb ngħidu wkoll illi kelna fostna xi studenti Taljani fejn bdew xi restawr intern fuq it-Torri San Tumas. L-iżvilupatturi tal-Jerma wkoll kellhom kuntant mas-Sur Farrugia responsabbli minn Wirt Artna biex hekk kif jibda x-xogħol fuq il-Lukanda l-ġdida dawn jgħinuhom finanzjarjament biex iħaffu fuq ir-restawr. Grazzi għal-Kunsillier John Camilleri responsabbli.

10. **<u>Attivitajiet Soċjali:</u>** Matul is-sena 2018 saru diversi attivitajiet. Dik tal-Karnival tas-Sajf. B`wiċċi minn quddiem ngħid li din is-sena mar ħafna aħjar mis-snin l-oħra. Din is-sena wkoll Jum Marsaskala ġiet amalgamata mal-festa tar-raħal. Jum Marsaskala ċċelebrajnieh billi għamilna quddiesa u tberik tal-annimali flimkien ma xow minn kantant magħruf William Mangion flimkien ma kantanti żgħażagħ lokali. Kif semmejt iżjed il-fuq f `Jum il-Lokalita`ħadna l-okkazzjoni u nawgurajna l-ġnien f`isem Alfred Debono. Gawdejna wkoll il-kunċert mill-banda tal-korp tal-Pulizija. Kelna wkoll *clean ups* minn għaqdiet ambjentali. Kelna *general clean up* f`San Tumas. Fl-aħħar tas-sena għalaqna l-attivitajiet b'kunċert tal-Milied u din id-darba b`differenza. Orkestra da Camera flimkien ma *strings* u Baritonu magħruf Joseph Lija flimkien ma korijiet u kantanti lokali. Dan sar taħt il-patroċinju tal-*Ispeaker* tal- Kamra tar-Rappreżenti Dott. Angelu Farrugia. Dan sar fil-knisja parrokjali. Grazzi l-Kapillan u l-kleru. Bħas soltu wkoll isir riċeviment żgħir tal-festi biex wieħed jirringrazzja lill-dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu ta` għajnuna matul is-sena. Dan sar ġewwa Villa Sant Anna. Għal ewwel darba għamilna siġra tal-MIlied. Żgur li ntgħoġob mill-iskalin u dawk li jżuruna.

11. **<u>Pulizija:</u>** Nistgħu ngħidu li minkejja l-polemiċi kollha li kelna din is-sena, xorta waħda konna f`kuntatti kontinwi mas-Supretendent tal-Pulizija biex f`Marsaskala jkollna l-aqwa servizz.
Din is-sena wkoll iddiskutejna fejn wieħed jista jibni għassa ġdida. Fil-fatt instab sit fejn il-librerija tal-iskola u dejjem skond il-Ministeru tal-Intern u Sigurta` din ser tibda tinbena wara li jinġabu l-permessi relattivi. Nafu li l-għassa ilha żmien twil iżda fl-aħħar waslet ukoll. Hekk neħilsu mill-kontejner preżenti li kien ta` servizz temporanju.

12. **<u>Rigward l-indafa fit-toroq:</u>** Nista' nassigurakom li kuntent ħafna. Ta' kuljum nikkumbattu ma' ftit nies irresponsabbli li akkost ta' kollox ma jagħtux kas u jħammġu madwarhom. Għandna servizz impekkabbli.

Rigward skart goff jinġabar trakk kuljum. Kultant anke s-Sibt. U s-servizz jingħata b'xejn mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Għandna wkoll servizz ta' kenniesa li jduru mar-raħal kuljum. Kontenituri ta' skart separat nistgħu ngħidu li għandna ammont tajjeb u jintużaw ħafna. Qed nistennew li jinbidlu l-bins fix-xatt iżda dawn mhux għal skart organiku. Nifhmu li jkolna influss ta' nies u b`hekk dawn jintużaw biss għat-`*take aways*`. Hekk nkunu qed nżommu iżjed kontroll tal-indafa.

12. **Enerġija:** Tajjeb ngħaddi biex insemmi wkoll ix-xogħol utli li jsir fejn tidħol l-enerġija. Hawnhekk il-Kunsill kien ukoll ta' servizz enormi liċ-ċittadin Skalin. Kien hemm diversi talbiet għall-bdil ta' bozoz maqtugħa, arbli u servizzi ġodda. Dawn saru kollha mingħajr dewmien. Dan dejjem bl-għajnuna taċ-ċittadin li jirraporta ħsarat mill-ewwel, il-*customer care* li jieħdu ħsieb jinfurmaw 'il-kunsillier responsabbli u l-kuntrattur tagħna li bla dewmien jirranġa l-ħsarat. Saru wkoll lanterni rustiċi fil-qalba tal-Lokal biex b`hekk jamalgamaw mal-bini antik. Tista tgħid li intlaqgħu tajjeb ħafna mir-residenti.

13. **Latrini Pubbliċi**: Il-Kunsill għamel l-almu tiegħu biex iżommm il-latrini pubbliċi fi stat tajjeb. Saret manutenzjoni intensiva fil-latrina kollha fejn inbidlu l-viti kollha, flashings eċċ. Saret manutenzjoni intensiva wkoll fil-latrina ta' San Tumas nbidlu l-flashings u l-viti fejn kien meħtieġ. Sar tindif intensiv fil-fossa ta' San Tumas u inbidlet il-pompa u saret waħda iktar adekwata. Nistgħu ngħidu wkoll illi fl-aħħar nstab kuntrattur tajjeb fejn għamel minn kollox biex żamm il-latrini ndaf u kif suppost. Nistgħu ngħidu li rari nsibu lmenti.

14. **Negozji:** Meta wieħed jirreferi għas-*self employed* fil-lokal tagħna jkun biss qed jolqot il-ħwienet tagħna. Aħna dejjem fhimna lin-negozjanti, iżda sfortunatament kultant, minoranza minnhom ma tantx jikkoperaw. Inkunu pressati minn ilmenti fuq ċertu abbużi ta' mwejjed u siġġijiet żejda biex b`hekk jittieħdu spazji u passaġġi żejda tal-pubbliku. Aħna qegħdin hemm dejjem biex ngħinu n-negozji tagħna. Ħasra li darba kienet teżisti assoċjazzjoni u spiċċat. Jiddispjaċini ħafna meta nisma li ma hemmx koperazzjoni. Kelna appell fuq applikazzjoni minn ristorant partikolari fejn intrebaħ mill-Kunsill. Kien hemm ukoll żewġ ristoranti oħra li riedu akkost ta kollox jieħdu spazji tal-pubbliku iżda aħna żammejna iebes u dawn il-permessi ġew rifjutati mill-awtoritajiet.

15. **Rivista tal-Kunsill:** Ir-rivista tal-Kunsill b'deċiżjoni tal-Kunsill issa se tibda tkun ippublikata wkoll fuq il-websajt tal-Kunsill u din toħroġ darbtejn jew tlett darbiet fis-sena. Inbidel l-istampatur u l-ewwel rivista ser toħroġ għal bidu tas-sena l' ġdida 2019.

16. ***Live Streaming***: Is-sistema tal-*live streaming* tas-seduta tal-Kunsill. Din irnexxiet ħafna u tagħti ħafna aktar trasparenza waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Ċert li din is-sistema hija waħda pożittiva.

17. ***Stray Cats:*** Din l-inizjattiva li jissewwew il-qtates ma komplietx matul din is-sena 2018 u dan żgur mhux tort tal-Kunsill iżda min kien responsabbli irtira. Hemm diskussjonijiet biex jinstab xi ħadd li jieħu ħsieb. Nappellaw lill-pubbliku in ġenerali sabiex jikkopera u ma jitmax il-qtates meta jitwaħħlu t-tabelli u dan sabiex jiffaċilita t-taqbid tal-qtates. Din kienet inizjattiva li ġiet introdotta mil-Kunsill Lokali ta' Marsaskala. Nista ngħid illi dan il-proġett ma` tantx ghadu attiv peress ħafna drabi ma` nsibux l-għajnuna meħtieġa.

18. ***Tilqima tal-influwenza***: Għal darb' oħra kellna t-tilqima tal-influwenza għall-madwar 546 anzjan. Grazzi tmur għall-infermiera Skalin li ħadu l-inkarigu li jiġu l-Kunsill bla ħlas u jagħtu din it-tilqima.

19. ***Korsijiet*** : Għal darb' oħra kellna korsijiet tal-kompjuter, korsijiet tal-krafts u tpinġija għat-tfal, lifelong learning u first aid course. Għal darb' oħra reġgħu saru sessjonijiet ta' story telling waqt Skola Sajf.

20. ***Training Centre***: Il-Kunsill finalment sab ċentru ġdid li qed iservi bħala post fejn qed jingħataw bosta servizzi fosthom ta' taħriġ u tagħlim kif ukoll ta' counselling. Il-programm LEAP miexi ġmielu wkoll u dalwaqt dan iċ-ċentru tagħna ser jibda joffri servizzi aktar professjonali bil-għajnuna tal-Ministeru tas-sigurta` socjali. Fil-futur qrib ser isir il-ftuħ uffiċjali.

21. L-anzjani tagħna nżommuhom kemm jista` jkun infurmati bl-attivitajiet li jkunu għaddejjin. Fil-fatt min naħa tagħna nippruvaw noħolqu kemm jista jkun attivitajiet biex nies t'eta avvanzata jinħarġu mis-solitudini tagħhom. Saru s-solitu ħarġiet kemm soċjali kif ukoll kulturali sew f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

22. Konna spalla ma' spalla mas-Surmast is-Sur Ethelbert Fenech. Kien strument ta' tmexxija serja u ġibed anke lejh studenti kif ukoll għaqda mal-ġenituri tagħhom. Ħdimna ħafna għal ġid tal-istudenti tagħna. Dan l-aħħar avviċinani biex isir xi taħrig għal-persuna b`lingwi differenti fil-librerija tagħna. Dan qed isir ukoll. Dejjem imxejna id f id mal-kleru r-Rev Kappillan Fr Roderik Camilleri u l-vici Fr Luke. Dawn ta` l-aħħar ukoll nibtu differenza fil-lokal tagħna.

23. Librerija nistgħu ngħidu qed tespandi kuljum. Hemm il-ħsieb li jkollna anke xi kotba fil-post kulturali ġdid. Dwar dan għad irridu niddiskutu. Żdiedu saħansitra l-jiem tal-ftuħ fejn issa qed tinfetaħ kull nhar ta' Erbgħa ukoll.

## *KONKLUŻJONI*

Mhux faċli li wieħed isemmi kollox f`tant ħin qasir. Grazzi għal xi Kunsilliera li joħorġu saqajhom miż-żarbun u jiddedikaw ruhom għal lokal. Nirringrazzja s-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivani kollha ta' miegħu, l-ħaddiema tal-RSS u dawk tal-iskema tal-ETC. Din is-sena hija l-ahhar sena ghall` 5 kunsilliera li ghazlu li ma jerghux jikkontestaw ghall-elezzjoni li gejja f`Majju. Niehu l-okkazzjoni minn qalbi nirringrazzja lill- Desiree` Attard, Lawrence Ciantar, Elizabeth Cassar, Daniel Spiteri u l-ahhar u mhux l-anqas lill Charlot Cassar. Ghamlu minn kollox biex iwettqu d-dover taghhom fi hdan il-Kunsill izda minhaba il-generu tax-xoghol taghhom w impenji ohra ma setghux jaghtu l-100%.

Din is-sena li ġejja ser tkun waħda mpenjattiva wkoll. Ma naqtgħux qalbna. Nista ngħid dan, li l-Lokal ta` Marsaskala huwa għal-qalbi ħafna u nwiegħed li nibqa naħdem flimkien mal Kunsill gdid biex intejbu l-għixien tal-Iskalin kif ukoll inkomplu insebbħu fuq dak li hemm. Nemmen li ma naqblux f' kollox iżda l-għan tal-maġġoranza tagħna huwa wieħed, dak li noħolqu kuxjenza u għaqda bejnitna. Għad hemm ħafna xi jsir u nemmen li l-2019 ser tkun sena mimlija xogħol u suċċessi għal dan il-Kunsill. Ngħid x`ikun sar fil-laqgħa li jmiss.

Nixtieq bla tlaqliq nirringrazzja lit-tim tal-Kultura. Minn qalbi nirringrazzja l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar li flimkien mal-partner tagħha tagħmel minn kollox biex mil-limitu tagħha tgħin biex isiru l-avvenimenti. Grazzi tmur għas-Sur Joe Magri persuna ta` qalb kbira u li tħobb il-lokal. Grazzi wkoll lill-Kunsillier John Baptist Camilleri. Flimkien nippruvaw noħoloqu diversi avvenimenti biex b`hekk inkunu nistgħu noħolqu atmosfera ferrieħa. Grazzi kbira tmur għal-ħabib tiegħi u l-Kunsillier Charlot Mifsud. Persuna li dejjem b`fiduċja kbira nibgħatu xi laqgħat li ma nkunx nista nattendi jiena u dan minħabba l-ġeneru tax-xogħol tiegħi ukoll.

Fil-laqgħa pubblika li għaddiet issemmew żewġ proġetti kbar. Konna semmejna l-bini tal-uffiċini amministrattiv tal-Kunsill. Fil-fatt issa għandna anke fondi biex nibdew u b'hekk ħarġet anke s-sejħa tal-offerti. Bini amministrattiv li ser ikun l-għira ta' ħafna. Stil Ewropew, attrezzat b'kollox u fuq kollox aċċessibli għal-persuni b`dizabilita.

Għeżież Skalini, minkejja l-fatt li mhux dejjem faċli, inħoss li din l-aħħar sena ta' tmexxija min-naħa tiegħi kienet waħda serja u onesta u dan minkejja li dejjem insibu min ifixkel. Nassigurakom li dan it-tfixkil isaħħaħna aktar u mhux idajiffna. Il-kritika kostruttiva hija sana u lili dejjem tagħtni aktar saħħa biex inkompli naħdem fl-interess tal-lokal. Jiena u ħafna minn shabi nemmnu f`dak li nagħmlu b'determinazzjoni kbira. It-tmexxija kemm dik politika lokali kif ukoll dik amministrattiva ħalliet il-frott. Dan ma ngħidux jiena iżda r-residenti tagħna.